

Brussell, 12 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11760/23

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0229(NLE)**

**JAI 997
FRONT 231
VISA 146
SIRIS 59**

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	10 ta' Lulju 2023
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 388 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-regoli supplimentari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 388 final.

Mehmuż: COM(2023) 388 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.7.2023
COM(2023) 388 final

2023/0229 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-regoli supplimentari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

F'Ġunju 2018 il-Kummissjoni ressqet proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri I-strument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u għall-viżi [COM(2018/473)].

Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi għall-perjodu 2021-2027 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ “ir-Regolament dwar l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (ir-Regolament BMVI)”) ġie adottat fis-7 ta' Lulju 2021.

L-għan tar-Regolament BMVI huwa li jesprimi solidarjetà permezz ta' assistenza finanzjarja lil dawk l-Istati (Membri) li japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen dwar il-fruntieri esterni. Dan jikkostitwixxi żvilupp tal-acquis ta' Schengen li fih jipparteċipaw il-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ulterjuri tal-acquis ta' Schengen (il-“pajjiżi assoċjati ta' Schengen” jew il-“pajjiżi assoċjati”).

Il-Kummissjoni ressqet ukoll proposta [COM(2018) 375] biex tistabbilixxi qafas ta' dispożizzjonijiet komuni applikabbli għal seba' fondi ta' ġestjoni kondiviża, inkluż il-BMVI. Ir-Regolament (UE) 2021/1060 (minn hawn 'il quddiem “ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni”) ġie adottat fl-24 ta' Ġunju 2021.

Fil-11 ta' Awwissu 2021, il-Konfederazzjoni Żvizzera nnotifikat id-deċiżjoni tagħha li taċċetta l-kontenut tar-Regolament BMVI u li timplimentah fl-ordni legali intern tagħha. Il-Kummissjoni tippreżenta din il-proposta qabel ma tkun irċeviet in-notifika Żvizzera dwar l-issodisfar tar-rekwiżiti kostituzzjonali tagħha biex tevita li tqassar iż-żmien tal-applikazzjoni effettiva tar-Regolament BMVI fl-Iżvizzera. F'konformità mal-premessa 75 tar-Regolament BMVI, jenħtieġ li l-konklużjoni ta' tali arranġament sseħħ wara li l-pajjiż konċernat ikun għarraf bil-miktub li ġew issodisfati r-rekwiżiti interni kollha tiegħu.

Il-paragrafu 6 tal-Artikolu 7 tar-Regolament BMVI jipprevedi li jenħtieġ li jsiru “arranġamenti” biex jiġu speċifikati n-natura u l-modi tal-parteċipazzjoni fil-BMVI tal-pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni rispettivi. Dawn l-arranġamenti jieħdu l-forma ta' ftehimiet konklużi mill-Unjoni mal-pajjiżi assoċjati ta' Schengen f'konformità mal-Artikolu 216 TFUE.

Il-ftehimiet jenħtieġ li jiddefinixxu wkoll il-kontribuzzjoni finanzjarja minn dawn il-pajjiżi għall-baġit tal-Unjoni għall-BMVI. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji jenħtieġ li jiġu kkalkulati skont il-prodott domestiku gross ta' kull pajjiż assoċjat bħala perċentwal tal-prodott domestiku gross tal-Istati parteċipanti kollha.

Skont il-ftehimiet ta' assoċjazzjoni ta' Schengen, il-pajjiżi assoċjati jridu jaċċettaw bis-sħiħ il-miżuri tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament BMVI, li jiżviluppaw jew jibnu fuq l-acquis ta' Schengen.

Il-baġit tal-Unjoni allokat għall-BMVI jenħtieġ li jiġi implimentat f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 (minn hawn 'il quddiem ir-“Regolament Finanzjarju”). Il-pajjiżi assoċjati ma' Schengen iridu jieħdu wkoll il-miżuri meħtieġa biex jiżguraw il-konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti għall-ġestjoni u l-kontroll finanzjarju li huma stabbiliti fit-TFUE u fil-liġi tal-Unjoni li l-bażi ġuridika tagħha ġejja mit-TFUE.

Sa fejn huwa kkonċernat ir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni, mhux id-dispożizzjonijiet u l-Annessi kollha tiegħu huma rilevanti għall-BMVI. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-prinċipji stabbiliti f'xi dispożizzjonijiet tar-Regolament dwar

Dispożizzjonijiet Komuni jeħtieġ li tiġi aġġustata biex tirrifletti l-istatus tal-pajjiżi assoċjati ta' Schengen.

Il-ftehimiet jintroduċu wkoll mekkaniżmi speċifiċi għal aġġustamenti rapidi fil-ftehimiet, fil-każ ta' bidliet fil-leġislazzjoni ewlenija tal-Unjoni rilevanti għall-implimentazzjoni, bħar-Regolament Finanzjarju u r-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni.

Il-ftehimiet jenħtieġ li jiżguraw li r-rieżami ta' nofs it-terminu tal-BMVI jqis id-dewmien fil-parteċipazzjoni tal-pajjiżi assoċjati ta' Schengen.

Għall-kontrolli baġitarji u finanzjarji, l-Istati Membri huma soġġetti għal obbligi orizzontali (eż. il-kompetenza tal-Qorti tal-Awdituri, tal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), tal-UPPE u tal-Kummissjoni), li jiġu jew direttament mit-Trattat jew minn leġislazzjoni sekondarja tal-Unjoni, inkluż ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni kif imsemmi hawn fuq. Dawn l-obbligi japplikaw għall-Istati Membri *ipso facto* u għalhekk mhumiex stabbiliti fir-Regolament BMVI. Konsegwentement, dawn l-obbligi jeħtieġ li jiġu estenzi għall-pajjiżi assoċjati permezz tal-Ftehim ikkonċernat minn din il-proposta.

Il-ftehimiet fihom ukoll dispożizzjoni dwar is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS). Dan huwa meħtieġ fid-dawl tal-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) 2018/1240 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Settembru 2018 li jistabbilixxi Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar (ETIAS) u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1077/2011, (UE) Nru 515/2014, (UE) 2016/399, (UE) 2016/1624 u (UE) 2017/2226, li jispeċifika li kwalunkwe dħul li jifdal iġġenerat mill-ETIAS wara li jkoprew l-ispejjeż tal-operat u l-manutenzjoni tagħha se jiġi assenjat lill-baġit tal-Unjoni. Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) 2018/1240 b'mod ekwu għall-Istati parteċipanti kollha f'dan ir-Regolament, il-kontribuzzjoni tal-pajjiżi assoċjati għall-faċilità tematika tal-Istrument jenħtieġ li titnaqqas proporzjonalment jekk u meta d-dħul li jifdal jiġi assenjat għall-baġit tal-Unjoni.

L-Unjoni jenħtieġ li tikkonkludi ftehimiet ma' kull wieħed mill-erba' pajjiżi assoċjati ta' Schengen. Din il-proposta tikkonċerna l-ftehim mal-Iżvizzera.

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-għan ta' din il-proposta huwa l-konklużjoni ta' ftehim bejn l-Unjoni u l-Iżvizzera dwar il-kontribuzzjoni ta' dan il-pajjiż fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi għall-perjodu 2021-2027 u dwar ir-regoli supplimentari meħtieġa għal din il-parteċipazzjoni. Dan it-tip ta' arranġament wasal fit-tielet ġenerazzjoni.

• Konsistenza ma' dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika

Mhux applikabbli.

• Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Mhux applikabbli.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Din il-proposta biex jiġi konkluż il-Ftehim hija bbażata fuq l-Artikoli 77(2) u 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont l-Artikolu 3(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u kif imsemmi fl-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2021/1148, il-proposta taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Unjoni u għaldaqstant il-prinċipju tas-sussidjarjetà ma japplikax.

- **Proporzjonalità**

Din il-proposta hija meħtieġa sabiex jiġi implimentat ir-rekwiżit minqax fl-Artikolu 7(6) tar-Regolament (UE) 2021/1148 li permezz tiegħu għandhom isiru arranġamenti ma' pajjiżi assoċjati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen sabiex jiġu speċifikati n-natura u l-modi tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri.

- **Għażla tal-istrument**

Mhux applikabbli.

3. **IR-RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

Mhux applikabbli.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Mhux applikabbli.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Mhux applikabbli.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Mhux applikabbli, minħabba li l-proposta hija marbuta mal-programm ta' ġestjoni u għandha bħala l-għan il-konklużjoni ta' ftehim internazzjonali li ġie nnegozjat abbażi ta' direttivi dwar in-negozjati stabbiliti mill-Kunsill. L-Iżvizzera se ssegwi r-regoli definiti fir-Regolament li jstabbilixxi l-Istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, u l-artikoli applikabbli tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u r-Regolament Finanzjarju, l-istess bħall-Istati Membri tal-UE.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Mhux applikabbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli.

4. **IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI**

L-Artikolu 10 u l-Anness tal-abbozz ta' Ftehim jiddeskrivu d-dispożizzjonijiet relatati mal-kontribuzzjonijiet finanzjarji annwali tal-pajjiż assoċjat mal-baġit tal-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Ir-rekwiżiti kollha ta' monitoraġġ, rappurtar, prestazzjoni u evalwazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/1048 (se) japplikaw għall-Iżvizzera.

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Mhux meħtieġa.

Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet imsemmija hawn fuq, il-Kummissjoni tipproponi li l-Kunsill japprova, wara li jkun irċieva l-kunsens mill-Parlament Ewropew, il-Ftehim mal-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-regoli supplimentari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għall-perjodu mill-2021 sal-2027.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-regoli supplimentari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 77(2) flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) u l-Artikolu 218(7) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew¹,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Frar 2022, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni biex tiftaħ negozjati² mal-Iżlanda, mar-Renju tan-Norveġja, mal-Konfederazzjoni Żvizzera u mal-Prinċipat tal-Liechtenstein rigward arranġamenti dwar il-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-pajjiżi assoċjati u r-regoli supplimentari meħtieġa għall-parteċipazzjoni tagħhom, inklużi d-dispożizzjonijiet li jiżguraw il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni u s-setgħat ta' awditjar tal-Qorti tal-Awdituri, li għandhom jiġu konklużi skont ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³. In-negozjati mal-Konfederazzjoni Żvizzera ġew konklużi b'suċċess bit-tneđija tal-Ftehim tal-14 ta' Frar 2023.
- (2) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill [XXX] ta' [...] ⁴, il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-regoli supplimentari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, ġie ffirmat fi [...], u suġġett li jiġi konkluż f'data aktar tard.
- (3) Skont l-Artikolu 218(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, huwa xieraq li l-Kunsill jawtorizza lill-Kummissjoni biex tapprova l-modifiki fil-Ftehim li huma meħtieġa bil-ħsieb li jiġu aġġustati r-referenzi fir-Regolament Finanzjarju kull meta dan ir-Regolament jiġi aġġornat.

¹ ĠU C , , p .

² Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2022/442 tal-21 ta' Frar 2022 li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati mal-Iżlanda, ir-Renju tan-Norveġja, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein bil-ħsieb li jiġu konklużi ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u dawk il-pajjiżi dwar regoli supplementari fir-rigward tal-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri (ĠU L 90, 18.3.2022, p.116).

³ Ir-Regolament (UE) 2021/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi (ĠU L 251, 15.7.2021, p. 48).

⁴ ĠU L , , p .

- (4) Ir-Regolament (UE) 2021/1148 jibni fuq l-acquis ta' Schengen, u d-Danimarka, f'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, iddeċidiet li timplimenta dan ir-Regolament fil-liġi nazzjonali tagħha. F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22, id-Danimarka mhijiex qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhijiex marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (5) Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp fid-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen, li l-Irlanda ma tiħux sehem fihom, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE⁵. Għaldaqstant l-Irlanda mhix qed tiegħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha.
- (6) Il-Ftehim jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar ir-regoli supplimentari fir-rigward tal-istrument għall-appoġġ finanzjarju għall-ġestjoni tal-fruntieri u l-politika dwar il-viżi, bħala parti mill-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, għall-perjodu mill-2021 sal-2027 huwa b'dan approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim hu mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-Kummissjoni għandha tipproċedi f'isem l-Unjoni Ewropea, biex kif previst fl-Artikolu 14(1) tal-Ftehim, toħroġ notifika, biex jiġi espress il-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tintrabat bil-Ftehim.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni hija awtorizzata li taqbel, f'isem l-Unjoni, ma' kwalunkwe emenda fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu, l-ittra (a) tal-Ftehim biex tqis kwalunkwe emenda, tħassir, sostituzzjoni jew riformulazzjoni tar-Regolament Finanzjarju skont l-Artikolu 2, il-paragrafu 2, l-ittra (b) tal-Ftehim.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tiegħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).